# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur

MCCAA
MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

APRIL 2016- ĦARĠA NRU 08




## Premju Servizz bi Tbissima 12

Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim tal-Konsumatur 4

Kif Standards jikkontribwixxu għal Sigurtà ta' Prodotti 22


ŻUR IS-SIT ELETTRONIKU TAL-MCCAA
www.mccaa.org.mt

AGĦMEL *LIKE* FUQ IL-PAĠNA
TAL-*FACEBOOK* TAL-MCCAA

# L-Għażla

Rivista ta' tagħrif għall-konsumatur


03 Messaġġ miċ-*Chairman* tal-MCCAA

03 Messaġġ mill-Ministru l-Onor. Dott. Helena Dalli

04 Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim tal-Konsumatur (ADR)

06 Twissijiet dwar prodotti

08 Każ tat-Tribunal: Karozza li tħammġet f'parkeġġ privat

09 Regolamenti tal-lifts

10 X'nafu s'issa dwar il-virus Zika?

12 Premju Servizz bi Tbissima

14 Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur

15 Roħs fil-prezzijiet tal-mediċini

16 Il-Benefiċċji ta' Suq Ħieles għall-Konsumatur

17 Paġna għat-Tfal: Reklam qarrieqi jew falz?

18 Il-bejgħ tal-pesitiċidi u l-użu sostenibbli

20 Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta)

22 Kif Standards jikkontribwixxu lejn sigurtà ta' prodotti

24 Numri tat-Telefown Utli għall-Konsumaturi



APRIL 2016- ĦARĠA NRU 08



## Editur

Joyce Borg

## Bord Editorjali

Francis. P. Farrugia
Godwin Mangion
Edward Xuereb
Odette Vella
Phyllis Bezzina



Ittri jistgħu jintbagħtu bil-posta lil Joyce Borg, Editur L-Għażla, L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010 jew fl-indirizz elettroniku joyce.a.borg@mccaa.org.mt


L-ittri għandhom ikollhom l-isem u l-indirizz ta' min jibgħathom u ma jistgħux ikunu itwal minn 120 kelma. L-editur iżżomm id-dritt li tqassar kull ittra, mingħajr ma jinbidel il-kontenut.

L-iskop tal-artikli ta' din ir-rivista huwa biss li jipprovdu informazzjoni u mhux li jagħtu parir legali. F'każ ta' ilment jew bżonn ta' iktar tagħrif, il-qarrej jista' jikkuntattja lill-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, mingħajr ħlas, fuq il-linja 80074400.



**Marcel Pizzuto**
*Chairman* tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur

# Tkompli l-ħidma favur kummerċ gust

Għaddiet sena oħra minn mindu ġie mqassam l-aħħar edizzjoni tal-fuljett *L-Għażla* fid-djar kollha madwar Malta u Għawdex.

Matul din is-sena, l-Awtorità għamlet l-almu tagħha biex tkompli teduka u tinforma kemm lill-konsumaturi kif ukoll lill-kummerċjanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom.

L-edukazzjoni kontinwa għal min jixtri u min ibiegħ hija fundamentali biex jintlaħaq il-*Mission Statement* tal-Awtorità li huwa dak li jkollna suq fejn jipprevali l-kummerċ ġust kif ukoll li jinġieb 'il quddiem il-*benessere* tal-konsumatur.

Għandi l-pjaċir ngħid li dan il-għan qed jintlaħaq għax maż-żmien iżjed konsumaturi qed jirnexxilhom jilħqu ftehim mal-kummerċjanti meta tinqala' xi problema dwar xiri ta' prodott jew servizz mingħajr ma jkollhom bżonn jirrikorru għall-għajnuna tal-Uffiċċju tal-Konsumatur fi ħdan din l-Awtorità.  F'dawk il-każi li jkun hemm bżonn ta' medjazzjoni bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, l-ammont ta' każi solvuti bi ftehim amikevoli  qiegħed dejjem jikber grazzi għax-xogħol effiċjenti li qed isir mill-uffiċjali tagħna. Dan is-suċċess huwa wkoll riżultat tal-koperazzjoni li qed insibu kemm mill-konsumaturi kif ukoll mill-istess kummerċjanti.

L-Awtorità qiegħda tippjana li fil-futur qrib iddaħħal iżjed servizzi onlajn sabiex tkun aktar aċċessibbli u min ikollu bżonn xi servizz mill-Awtorità jkun jista' jieħdu mingħajr il-bżonn li jiġi fl-uffiċċju tal-Awtorità.

Sa ftit ilu wieħed seta' jitlob informazzjoni mingħand l-Awtorità billi jibgħat imejl fuq: info@mccaa.org.mt jew jagħmel ilment fuq is-sit elettroniku: www.mccaa.org.mt, iżda minn din is-sena ġiet ikkreata wkoll il-paġna uffiċċjali tal-Awtorità fuq *Facebook*, sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni ma' kull min għandu bżonn jikkuntattja lill-Awtorità u b'hekk ikun jista' jingħata servizz aktar effiċjenti.

**Helena Dalli**
Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili



# Ix-Xiri Onlajn – Riskji u Benefiċċji

Aktar ma jgħaddi żmien, aktar qed jiżdied il-kummerċ fuq l-internet. Is-suq virtwali jiftaħ orizzonti ġodda kemm għall-bejjiegħa biex ikabbru n-negozji tagħhom u jilħqu suq akbar, kif ukoll għall-konsumaturi fejn tidħol għażla akbar ta' prodotti, prezzijiet kompetittivi u kumdità.

Minkejja dawn il-vantaġġi, l-istatistika turi li l-kummerċ onlajn mhuwiex jilħaq il-potenzjal tiegħu. Waqt li ftit inqas minn nofs il-konsumaturi Ewropej (44%) jixtru onlajn mingħand bejjiegħa f'pajjiżhom stess, huma biss 15% tal-konsumaturi Ewropej li jagħżlu li jixtru mingħand bejjiegħa li joperaw minn pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea.

Bil-għan li titqajjem aktar kuxjenza dwar il-vantaġġi li joffri x-xiri minn fuq l-internet, dis-sena l-MCCAA għażlet it-tema ta' xiri onlajn biex tfakkar il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur li jkun ċelebrat kull sena fil-15 ta' Marzu.

Il-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili flimkien mal-MCCAA, fl-1 t'April tellgħu konferenza bit-tema "Xiri u lmenti onlajn....x'esperjenza għandek?".  Fil-konferenza ġew diskussi l-vantaġġi u l-isfidi li hemm sew għas-sidien tan-negozji kif ukoll għall-konsumaturi fl-użu ta' sistemi onlajn għal bejgħ u xiri,  flimkien ma' metodi ġodda ta' kif il-konsumaturi qed jilmentaw dwar prodotti jew servizzi li jkunu rċevew permezz ta' mezzi soċjali bħal *Facebook*.

L-edukazzjoni u l-informazzjoni għandhom rwol importanti biex tiżdied il-fiduċja fil-kummerċ onlajn, u għaldaqstant mezzi ta' informazzjoni bħalma hija din ir-rivista jgħinu biex il-konsumaturi u l-bejjiegħa  jingħataw l-għodda li għandhom bżonn biex jagħmlu l-aħjar użu minn sistemi moderni ta' bejgħ u xiri.



**Odette Vella**
Direttur Informazzjoni, Edukazzjoni u Riċerka
Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, MCCAA

# Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim tal-Konsumatur (ADR)

Xi drabi l-konsumaturi jiffaċċjaw problemi bil-prodotti jew servizzi li jkunu xtraw. Fortunatament, il-maġġor parti ta' dawn l-ilmenti jiġu solvuti b'mod amikevoli, imma ġieli ma jkunx hemm qbil bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ, jew il-bejjiegħ jirrifjuta li jagħti r-rimedju mitlub mill-konsumatur. Dawn l-ilmenti jistgħu jiġu solvuti fi żmien qasir, bl-inqas spejjeż possibbli, u mingħajr il-bżonn li jittieħdu quddiem qrati. Dan permezz ta' entitajiet tal-konsumatur għal Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim (ADR).

Peress li mhux il-pajjiżi kollha membri tal-Unjoni Ewropea (UE) kellhom entitatjiet tal-ADR li joffru medjazzjoni għal kull tip ta' lment li konsumatur jista' jkollu ma' bejjiegħ, l-UE pproponiet leġislazzjoni ġdida sabiex tgħin lill-konsumaturi Ewropej isolvu lmenti mingħajr il-bżonn li jidħlu l-qorti. Id-Direttiva tal-ADR, li daħlet fis-seħħ fil-pajjiżi kollha membri tal-UE, tagħti l-possibbiltà lill-konsumaturi li jsolvu l-ilmenti li jkollhom mal-bejjiegħa permezz tal-entitajiet tal-ADR hu x'inhu l-oġġett jew servizz li xtraw, minn kwalunkwe pajjiż li xtrawh.

Id-Direttorat għall-Ilmenti u r-Rikonċiljazzjoni ġewwa l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur huwa l-entità tal-ADR residwali f'Malta. Dan sar sabiex jiġi assigurat li l-konsumaturi Maltin ikollhom aċċess adegwat biex b'hekk ikunu jistgħu jsolvu lment mingħajr il-bżonn li jmorru l-qorti, hi x'inhi n-natura tal-oġġett jew servizz li xtraw u hu min hu l-bejjiegħ mingħand min xtraw.

Id-Direttiva tal-ADR tistabilixxi numru ta' rekwiżiti ta' kwalità u proċeduri li l-entitajiet tal-ADR iridu jimxu magħhom. Dan sabiex jiġi aċċertat li l-konsumaturi, minn kull pajjiż membru tal-UE, jkollhom aċċess għal soluzzjonijiet barra l-qrati li huma ta' ċertu kwalità, trasparenti, ġusti u effettivi.

Ir-Regolamenti tal-2015 dwar l-ADR jistipulaw li l-entitajiet tal-ADR għandhom:

- ikollhom sit elettroniku aġġornat li jipprovdi aċċess faċli għall-informazzjoni li tikkonċerna l-proċedura tal-ADR u li permezz tal-istess sit elettroniku l-konsumaturi jkunu jistgħu jressqu lment flimkien mad-dokumenti meħtieġa biex isostnu l-ilment tagħhom;



***Fir-rigward tax-xiri li jsir onlajn, permezz tal-Pjattaforma Elettronika għat-Tilwim (ODR), dan it-tip ta' lmenti jistgħu wkoll jiġu solvuti barra l-qrati.***

- jippermettu lill-konsumaturi l-possibbiltà li jagħmlu l-ilment tagħhom offlajn;
- u jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-partijiet permezz ta' mezzi elettroniċi jew, jekk applikabbli bil-posta.

Entità tal-ADR tista' tirrifjuta li taċċetta tilwima partikolari fejn tapplika waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

- il-konsumatur ma nfurmax lin-negozjant konċernat bil-problema li għandu u għaldaqstant ma ppruvax isolvi l-kwistjoni direttament man-negozjant;
- it-tilwima tkun frivola jew vessatorja;
- l-istess tilwima tkun diġà ġiet ikkunsidrata minn entità oħra tal-ADR jew minn qorti jew tribunal kompetenti;
- il-valur tat-talba huwa inqas jew aktar minn limitu monetarju speċifikat; jew
- il-konsumatur ma ressaqx l-ilment lill-entità tal-ADR fil-limitu ta' żmien speċifikat minn qabel, li m'għandux ikun inqas minn sena mid-data meta l-konsumatur ressaq l-ilment lin-negozjant.

F'sitwazzjoni fejn entità tal-ADR ma tkunx tista' tikkunsidra t-tilwima, ir-Regolamenti jobbligaw lill-entità tal-ADR sabiex tagħti spjegazzjoni bil-miktub lill-partijiet involuti fit-tilwima, għaliex l-ilment ma jistax jiġi moderat mill-entità.

Fir-rigward tax-xiri li jsir onlajn, permezz tal-Pjattaforma Elettronika għat-Tilwim (ODR), dan it-tip ta' lmenti jistgħu wkoll jiġu solvuti barra l-qrati. Din l-għodda mhijiex biss utli fejn jidħol xiri elettroniku minn pajjiż li mhuwiex il-pajjiż tal-konsumatur, imma tista' wkoll tintuża għal xiri onlajn li jsir mingħand bejjiegħ li jopera mill-istess pajjiż tal-konsumatur.

Din il-pjattaforma hija bbażata fuq sit elettroniku u ġiet maħluqa sabiex tgħin lil dawk il-konsumaturi li għandhom problema bil-prodotti jew servizzi li jkunu xtraw onlajn. Din il-pjattaforma tippermetti lill-konsumaturi li jagħmlu l-proċedura tal-ADR kompletament onlajn f'waħda mit-23 lingwa uffiċjali tal-UE. Il-pjattaforma tal-ODR tgħaddi t-tilwim lil dawk l-entitajiet tal-ADR li huma inklużi fil-listi nazzjonali li għandhom ir-rekwiżiti ta' kwalità stabbiliti mid-Direttiva tal-ADR. Il-pjattaforma tal-ADR infetħet għall-użu mill-konsumaturi u l-bejjiegħa mill-15 ta' Frar 2016.

# Twissijiet dwar prodotti

## *Cots*

*Cots* u *Travel Cots* **'Baby Italia - Dalia'**, **'Quatro Giraffe'**, **'Baby max Sienna – Chipolino'** u **'DaVinci'** kienu mneħħija minn fuq is-suq wara li nstabu mhux konformi mal-ligijiet Ewropej u jponu riskju serju għal min juzahom.

**BABY ITALIA - DALIA**



**QUATRO GIRAFE**




**BABY MAX SIENNA**




## *Smoke Detectors*

Id-Direttorat tas-Sorveljanza tas-Suq fi ħdan l-MCCAA ordna irtirar minn fuq is-suq ta' dawn l-*ismoke detectors* imsemmijin hawn taħt minħabba li rriżulta minn testijiet illi jista' jkun li dawn il-prodotti ma jintebħux b'nirien li jkun hemm fid-dar.

L-MCCAA għalhekk tagħti parir lis-sidien ta' dawn l-iscooters biex dawn ma jintużawx aktar u biex irodduhom lura minn fejn xtrawhom. Operaturi ekonomiċi li jqiegħdu dawn il-prodotti fuq is-suq ġew ordnati biex jieqfu jbiegħu l-*ismoke detectors* imsemmija u biex jiġbru dawn mingħand il-klijenti tagħhom. Kull operatur ekonomiku li jinqabad għadu jqiegħed dawn l-*ismoke detectors* fis-suq ser ikun suġġett għal azzjoni legali kontrihom, kif stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti.

**OLYMPIA ELECTRONICS BS-98**



**CONNECT IT**



**SMOKE ALARM**



# *Scooters*

Id-Direttorat tas-Sorveljanza tas-Suq fi ħdan l-MCCAA ordna irtirar minn fuq is-suq ta dawn l-*iscooters* imsemmijin hawn taħt minħabba li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni applikabbli u jimponu riskju serju għall-konsumaturi.

## MARVEL 'AVENGERS' FOLDING IN-LINE SCOOTER







L-MCCAA għalhekk tagħti parir lis-sidien ta' dawn l-*iscooters* biex dawn ma jintużawx aktar u biex irodduhom lura minn fejn xtrawhom. Operaturi ekonomiċi li jqiegħdu dawn il-prodotti fuq is-suq ġew ordnati biex jieqfu jbiegħu l-*iscooters* imsemmija u biex jiġbru dawn mingħand il-klijenti tagħhom. Kull operatur ekonomiku li jinqabad għadu jqiegħed dawn l-*iscooters* fis-suq ser ikun suġġett għal azzjoni legali kontrihom, kif stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti.

## GIOCI PREZIOSI BEN 10 ULTIMATE ALIEN MONOPATTINO








Id-Direttorat tas-Sorveljanza tas-Suq waqqaf ukoll il-bejgħ ta' tliet *scooters* oħra li baqgħu maqbudin id-dwana wara li l-evalwazzjoni tad-dokumenti u testijiet fuq il-prodotti rriżultaw li dawn ma jikkonformawx mal-liġijiet applikabbli.

**Dott. Mauro Magro**
Uffiċjal Legali
Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, MCCAA



## Każijiet mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi

# Karozza li tħammġet f'parkeġġ privat

### Il-Każ

Konsumatur pparkjat il-karozza tagħha ġewwa parkeġġ privat. Xħin marret lura għall-karozza tagħha indunat li kien hemm xi ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq il-pajpijiet tad-drenaġġ fl-istess parkeġġ fejn kien hemm ipparkjata l-karozza. Xħin resqet viċin il-karozza, il-konsumatur ntebħet li l-vettura tagħha kienet mimlija titjir tad-drenaġġ, bil-konsegwenza li ż-żebgħa ta' fuq il-karozza ġarrbet ħsarat u baqgħet bit-tikek imtebbgħa fuqha, tant li sabiex neħħiet dawn it-tikek il-konsumatur kellha tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200).

### X'passi ħadet il-konsumatur biex issolvi dan il-każ?

Il-konsumatur l-ewwel tkellmet ma' sid il-parkeġġ u ppruvat tilħaq qbil għall-ħsarat li ġarrbet fuq il-vettura tagħha, iżda kull tentattiv għal dan il-għan sfaxxa fix-xejn.

Hekk kif il-konsumatur rat li mhux ser jirnexxilha tasal għal ftehim, irrikoriet għall-għajnuna tal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur billi rreġistrat ilment mad-Direttorat għall-Ilmenti u r-Rikonċiljazzjoni. Wara li ġie eżaminat il-każ beda l-proċess ta' medjazzjoni bit-tama li jintlaħaq ftehim xieraq bejn il-konsumatur u n-negozjant. Iżda, kull sforz biex jintlaħaq ftehim xieraq ma rnexxiex. Għaldaqstant, il-konsumatur għażlet li tressaq il-każ tagħha quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

### X'iddeċieda t-Tribunal?

Waqt is-seduta tat-Tribunal, il-konsumatur tat il-verżjoni tagħha tal-fatti li minnhom ħareg l-ilment tagħha u talbet lit-Tribunal sabiex jordna lin-negozjant iħallasha l-ammont ta' mitejn ewro (€200) rappreżentanti kumpens għall-ispejjeż biex tirranġa ż-żebgħa tal-vettura tagħha. Mill-banda l-oħra, in-negozjant sostna illi fil-parkeġġ kien hemm sinjali ċari li jgħidu "*parking is at your own risk*". Barra minn hekk, in-negozjant sostna illi d-ditta kienet ħadet prekawzjonijiet adekwati sabiex jiġu evitati ħsarat li jistgħu jiġu kkaġunati fuq il-karozzi pparkjati ġewwa il-parkeġġ. Huwa sostna li ġie mwaħħal *tape* fejn kellhom isiru t-tiswijiet sabiex ma jkunx hemm karozzi pparkjati.

It-Tribunal emmen il-verżjoni tal-konsumatur u saħaq illi "huwa inaċċettabli li tmur tipparkja l-vettura tiegħek ġo parkeġġ u tispiċċa kollha ħmieg tad-drenaġġ". It-Tribunal żied illi s-sinjali li jgħidu *"parking at your own risk"* ma jtaffux ir-responsabilità ta' min kien qed jaħdem fuq il-post u għalhekk il-ħsarat li ġarrbet il-konsumatur fuq il-vettura tagħha huma kaġun tan-negliġenza tal-persuna li kien qed jaħdem fuq is-sistema tad-drenaġġ tal-parkeġġ.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, it-Tribunal laqa' t-talba tal-konsumatur u ordna lin-negozjant iħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess negozjant.

# Għandek lift id-dar jew tuża wieħed fuq il-post tax-xogħol? Jekk iva, kompli aqra

**Maverick Tabone**
Uffiċjal Tekniku, Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi, MCCAA

Id-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur tinforma lill-pubbliku inġenerali li l-lifts kollha installati f'Malta jridu jissodisfaw dawn il-kriterji li ġejjin, biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' dawk li jużaw il-lifts.

Il-lifts kollha użati għall-ġarr ta' persuni, u li bħalissa qed jiġu użati f'Malta jridu jiġu reġistrati mal-MCCAA, kif huwa meħtieġ permezz tal-Avviż Legali 231 tal-2007. Wieħed jista jiċċekja jekk lift huwiex reġistrat skont il-liġi billi jżur il-website tal-Awtorità *mccaa.org.mt/en/registeredlifts* u jfittex fil-lista għal xi lift partikolari.

Barra li lift irid jiġi reġistrat, ikollu bżonn li ssirlu manutenzjoni adegwata, skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur u min installa l-lift. Għaldaqstant il-pubbliku huwa avżat biex jiżgura li l-lifts li juża qed issirilhom manutenzjoni adegwata sabiex jiżguraw li l-lift huwa sigur għall-użu. Il-persuna responsabbli, li trid tiġi identifikata għal kull lift, trid tiżgura li l-manutenzjoni ssir kif suppost u fi żmien stipulat.

Barra l-manutenzjoni, trid issir ukoll "Spezzjoni Preventiva" minn (ACAB) *Authorised Conformity Assessment Body* fuq kull lift li jintuża minn nies. Din l-ispezzjoni trid issir biex jiġi żgurat li l-istallazzjoni tal-lift hija sigura f'kull ħin. L-ACAB għandha tiġi magħżula mill-persuna responsabbli, minn lista ta' Entitajiet Awtorizzati li wieħed jista' jsibha fuq il-websajt tal-Awtorità.

F'każ ta' lifts installati f'bini residenzjali, "Spezzjoni Preventiva" għandha ssir mill-anqas kull sena, filwaqt li lift installat fuq il-post tax-xogħol, "Spezzjoni Preventiva" għandha ssir mill-anqas kull sitt xhur.

L-ACAB li tagħmel l-ispezzjoni preventiva trid toħroġ rapport u tibgħatu lill-amministratur/jew persuna responsabbli u li dan min-naħa tiegħu jrid jibgħat kopja ta' dan ir-rapport lill-MCCAA jew l-OHSA f'każ ta' lift f'post ta' xogħol fi żmien 28 ġurnata u jżomm kopja tar-rapport għalih.

L-amministratur/persuna responsabbli jrid jiżgura li x-xogħol neċessarju indikat fir-rapport isir fi żmien stipulat u jrid javża bil-kitba lill-MCCAA li t-tiswija saret.

Barra minn hekk, dawk il-persuni responsabbli jridu jiżguraw li l-lifts kollha jrid isirilhom "Eżami estensiv ta' lift" *("Thorough Examination")* mill-anqas kull 10 snin. Dan l-eżami jrid isir minn ACAB u huwa differenti minn manutenzjoni regolari u l-"Ispezzjoni Preventiva" kif ingħad aktar 'l fuq. L-għan ta' dan l-eżami estensiv huwa sabiex jiġi żgurat li l-lift jibqa' konformi mal-istandards kurrenti applikabbli f'dak iż-żmien.

Jekk id-Direttorat tas-Sorveljanza fis-Suq *(Market Surveillance Directorate)* fi ħdan id-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi isib lifts li mhumiex konformi mal-kundizzjonijiet stipulati bil-liġi, tista' tinforza azzjoni legali biex tiżgura li l-lifts ikunu legalment konformi.

Jekk xi persuna jkollha xi diffikultà jew tinħtieġ aktar informazzjoni tista' tikkuntattja jew tfittex l-informazzjoni fuq il-websajt *www.mccaa.org.mt/en/lifts*. Wieħed jista'wkoll jagħmel kuntatt mad-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi fuq info@mccaa.org.mt jew 2395 2000.



**Dott. Charmaine Gauci**
Direttur, Promozzjoni għas-Saħħa u
Direttorat għall-Prevenzjoni tal-Mard
**Ms Christine Sant**
Direttorat għall-Promozzjoni
tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

# X'NAFU S'ISSA DWAR IL-VIRUS ZIKA

Il-virus Zika qiegħed fuq l-imħuħ ta' ħafna Maltin wara li ftit ġimgħat ilu fl-aħbarijiet issemma kif żagħżugħ Malti laqqat dan il-virus waqt safar f'postijiet affetwati. S'issa, il-virus fl-Ewropa nstab biss f'persuni li ġew lura minn safar fil-pajjiżi milquta miz-Zika, u għalhekk, Malta bħalissa ma tinsab fl-ebda periklu.

Dan il-virus jiġi trażmess permezz ta' nemus infettat tal-ġeneru 'Aedes', fosthom l-'Asian tiger mosquito', li jkun qiegħed iġorr iz-Zika. F'każijiet rari ħafna, b'kollox f'tliet każijiet, il-virus Zika ġie trasmess sesswalment. Sakemm in-nemus ma jkunx qiegħed iġorr il-mikrobu, m'hemmx riskju li gidma tan-nemusa tista' tinfetta lin-nies.

Bħalissa, iz-Zika qiegħed jinfirex b'mod allarmanti f'pajjiżi fl-Amerika t'Isfel, b'mod speċjali fil-Brażil, fl-Amerika Ċentrali, fil-gżejjer Paċifiċi u fl-Asja tax-Xlokk, fosthom fit-Tajlandja. L-Għaqda Dinjija tas-Saħħa ddikjarat il-firxa ta' din il-marda bħala emerġenza, partikolarment minħabba l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jaffettwaw lit-trabi li jkunu għadhom fil-ġuf.

Tmenin fil-mija ta' dawk infettati b'dan il-virus ma jkollhom ebda sintomi. Huma madwar wieħed minn kull ħames persuni infettati biss li jiżviluppaw iz-Zika. Minn informazzjoni li għandna, ma hemm l-ebda riskju li l-virus Zika jittieħed minn persuna għal oħra, sakemm mhux sesswalment, lanqas waqt il-perjodu li persuna tkun qed turi s-sintomi tal-marda. Ġeneralment, dawk li jiżviluppaw il-virus ikollhom sintomi ħfief, li jistgħu joħorġu f'temp ta' ġimagħtejn, u jinkludu deni, raxx, uġigħ fil-ġogi, uġigħ fil-muskoli, ħmura fl-għajnejn u uġigħ ta' ras għal ftit jiem sa ġimgħa, u wara dan ifiqu kompletament. Dijanjosi taz-Zika tista' tiġi kkonfermata permezz ta' testijiet għall-preżenza tal-virus fid-demm.

Filwaqt li s-sintomi ta' dan il-virus rari ħafna jwasslu għall-bżonn ta' kura fl-isptar u għal fatalitajiet, huma l-kumplikazzjonijiet li possibilment jistgħu jaffettwaw lit-trabi fil-ġuf li huma inkwetanti. L-evidenza qiegħda turi konnessjoni bejn il-virus Zika u l-mikrokefalija – difett konġenitali fejn it-tarbija titwieled b'ras żgħira b'mod abnormali, li hu assoċjat ma' diffikultajiet fl-iżvilupp tal-moħħ. Għaldaqstant, nisa tqal għandhom jevitaw safar lejn postijiet milquta minn dan il-virus, u n-nisa għandhom jevitaw li jinqabdu tqal waqt safar f'dawn il-postijiet. Dawk in-nisa tqal li jsiefru lejn postijiet fejn hemm iz-Zika għandhom



KEMM JISTA’ JKUN, KULL SORS T’ILMA FIL-MIFTUĦ GĦANDU JIĠI ELIMINAT, BIEX TIĠI EVITATA R-RIPRODUZZJONI TAN-NEMUS, MINĦABBA LI DAWN IFITTXU L-ILMA BIEX IBIDU – KUNDIZZJONIJIET LI HUMA FAVOREVOLI QRIB TAD-DJAR.

jinfurmaw lill-ostetriku tagħhom meta jirritornaw lura Malta. Persuni b’sistema ta’ immunità dgħajfa, dawk morda serjament u l-anzjani, ukoll għandhom jikkonsultaw lit-tabib tagħhom qabel isiefru lejn postijiet milquta biz-Zika.

Min jirritorna Malta minn pajjiżi fejn hemm iz-Zika u jiżviluppa xi sintomi relatati mal-virus f’temp ta’ ġimagħtejn minn meta jkun ġie lura għandu jikkuntattja lit-tabib tiegħu immedjatament. Jekk ikun ikkonfermat li persuna għandha l-virus, jittieħdu l-passi meħtieġa mill-awtoritajiet tas-saħħa, primarjament biex jiġi evitat li l-persuna infettata tingidem min nemusa, li mbagħad iġġor u tferrex iz-Zika lil min tigdem. Minħabba xi evidenza li dan il-virus jista’ jittieħed waqt sess mhux protett, dawk li jiġu lura minn pajjiżi fejn hemm iz-Zika għandhom jagħmlu użu mill-kondoms għal perjodu ta’ xahar minn meta jirritornaw lura Malta, u għal sitt xhur jekk jiżviluppaw is-sintomi tal-virus, bħala prekawzjoni.

S’issa għad m’hemm l-ebda tilqima kontra z-Zika. Għalkemm in-nemus f’Malta bħalissa mhux iġorr il-virus, il-pubbliku għandu jagħmel l-almu tiegħu sabiex jevita l-gdim tan-nemus u jieħu prekawzjonijiet li jillimitaw il-firxa tan-nemus, b’mod partikolari l-‘Asian tiger mosquito’. Din in-nemusa, li tintgħaraf faċilment mill-istrixxi bojod u suwed tagħha, hija l-iktar attiva bejn ix-xhur ta’ Mejju u Novembru, u fil-preżent ma tagħmillek xejn ħlief gidma kerha.

Kemm jista’ jkun, kull sors t’ilma fil-miftuħ għandu jiġi eliminat, biex tiġi evitata r-riproduzzjoni tan-nemus, minħabba li dawn ifittxu l-ilma biex ibidu – kundizzjonijiet li huma favorevoli qrib tad-djar. Wieħed għandu jevita li jħalli kontenituri li jinġabar l-ilma fihom barra, bħal platti tal-qsari u kontenituri tal-ikel. Huwa importanti wkoll li tankijiet tal-ilma, bjar u ġibjuni jinżammu mgħottija.

Evita wkoll li tingidem min nemus, primarjament billi tnaqqas il-ħin li tqatta’ barra meta n-nemus ikun l-iktar attiv – fil-każ tal-‘Asian tiger mosquito’ dan huwa matul il-ġurnata, tuża ‘insect repellent’ li fih id-‘DEET’ fuq partijiet tal-ġisem mikxufin u fuq il-ħwejjeġ, tgħatti ġismek bil-ħwejjeġ kemm jista’ jkun, tuża xibka tan-nemus meta torqod fuq barra u biex tipproteġi lit-trabi, u tagħmel użu mill-fannijiet, peress li dan in-nemus mhux b’saħħtu ħafna biex itir.

**Għal aktar informazzjoni ċempel il-*helpline* 2132 4086.**



**F'Marzu tas-sena 2015 l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) nieda l-Premju Servizz bi Tbissima, biex permezz tiegħu jinkoraġġixxi relazzjoni aħjar bejn il-konsumaturi u l-bejjiegħa.**

# Premju Servizz bi

L-għan ewlieni ta' dan il-Premju kien li jagħti gieh lil dawk il-bejjiegħa li jaqdu l-klijenti tajjeb u jkollhom ukoll servizz tajjeb wara l-bejgħ.

Dan il-Premju Servizz bi Tbissima kien miftuħ għal dawk l-ħwienet kollha li jbiegħu prodotti jew joffru xi tip ta' servizz lill-konsumaturi.

Biex bejjiegħ ikun eliġibbli għal dan il-Premju ried josserva l-kodiċi ta' kondotta marbut mal-Premju. Barra minn hekk mal-applikazzjonijiet kien hemm ukoll numru ta' kwestjonarji li riedu jiġu mwieġba mill-klijenti tan-negozju konċernat.

Ġiet imwaqqfa ġurija indipendenti biex tagħżel ir-rebbieħ fost l-applikanti għall-Premju. Wara numru ta' laqgħat li matulhom ġew evalwati l-applikazzjonijiet tal-kumpaniji applikanti, l-ġurija unanimament qablet li r-rebbieħa tal-ewwel edizzjoni ta' dan il-Premju kienu:

- Fl-Ewwel Post – BHS Sliema
- Fit-Tieni Post – Mothercare Valletta
- Fit-Tielet Post – MSV Life

Il-kriterji li l-ġurija użat sabiex jintgħażlu r-rebbieħa, prinċipalment kienu bbażati fuq il-kodiċi ta' kondotta marbut ma' dan il-Premju. Għaldaqstant il-ġurija vverifikat jekk l-applikanti kinux qed josservaw il-liġijiet li jirregolaw in-negozju tagħhom u jekk kellhomx liċenzja tan-negozju valida. Dawk il-kumpaniji li joperaw f'setturi li mhumiex regolati mill-MCCAA, imma huma regolati minn Awtoritajiet oħra, il-ġurija kkomunikat ma' dawn l-Awtoritajiet sabiex jiġi aċċertat li dawn il-kumpaniji qegħdin josservaw il-liġijiet u li qed jaqdu lill-klijenti tagħhom bl-aħjar mod possibbli.

Ġie ċċekjat ukoll jekk kienx hemm ilmenti minn konsumaturi kontra l-applikanti f'dawn l-aħħar erba' snin u jekk kien hemm, ġie vverifikat il-proċess ta' kif dawn l-ilmenti ġew solvuti. Barra minn hekk, ingħatat ukoll konsiderazzjoni dwar jekk kienx hemm deċiżjonijiet tat-Tribunal kontra l-applikanti li setgħu ma ġewx onorati mill-kumpaniji konċernati.

Sar ukoll *mystery shopping* minn impjegati tal-MCCAA fejn ġie ċċekkjat jekk il-ħwienet li applikaw għal dan il-Premju kinux qed



**Doris Zammit**
Uffiċjal Informazzjoni,
Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, MCCAA

# Tbissima

jindikaw il-prezzijiet kif stipulat fil-liġi. Waqt dan l-eżerċizzju l-uffiċjali inkarigati staqsew ukoll dwar ir-*return policies* ta' dawn il-ħwienet biex ġie aċċertat li dawn il-*policies* ma jnaqqsux id-drittijiet legali tal-konsumatur; kif ukoll ivverifikaw l-aċċessibbiltà tal-istabbilimenti; u fl-aħħar u mhux lanqas, kemm dawn il-kumpaniji verament joffru servizz bi tbissima.

Biex waslet għad-deċiżjoni tagħha l-ġurija kkunsidrat ukoll il-kwestjonarji li rċeviet mingħand konsumaturi li permezz tagħhom taw l-opinjoni tagħhom dwar is-servizz li ngħataw mingħand l-applikanti għal dan il-Premju.

Fit-18 ta' Settembru 2015, ttellgħet serata ta' premjazzjoni fejn ingħataw il-premjijiet lir-rebbieħa tal-ewwel edizzjoni.

Waqt li l-parteċipanti kollha ngħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni, il-kumpaniji li ġew fl-ewwel, it-tieni, u t-tielet post ingħataw trofew. Saru wkoll reklami apposta fil-midja lokali fejn jissemmew ir-rebbieħa tal-ewwel edizzjoni.

Barra minn hekk fil-25 ta' Frar 2016, ġie organizzat nofstanhar taħriġ mingħajr ħlas għal uħud mill-ħaddiema tal-istabbilimenti li pparteċipaw. Dan it-taħriġ iffoka fuq *customer care* kif ukoll ipprovda taħriġ dwar il-liġijiet tad-drittijiet tal-konsumatur, fosthom il-garanzija fuq il-prodotti u indikazzjoni tal-prezzijiet.

servizz bi tbissima

## Premju Servizz bi Tbissima 2016

**Il-preparamenti għat-tieni edizzjoni ta' dan il-Premju qegħdin fi stadju avvanzat.**

**It-tieni edizzjoni ta' dan il-Premju ser tkun ibbażata l-aktar fuq il-midja soċjali fejn kemm in-nominazzjonijiet u l-kwestjonarji jkunu mtella' fuq il-*Facebook* u l-konsumaturi nfushom ikunu jistgħu jinnominaw lil dawk in-negozji li qed verament jagħtuhom servizz bi tbissima. B'dan il-mod huwa ttamat li jiġu milħuqa aktar konsumaturi u aktar bejjiegħa. Ma jistax jonqos li jkun hemm ukoll formoli tan-nominazzjoni u kwestjonarji għal dawk li m'għandhomx aċċess għall-internet imma xorta waħda jixtiequ jipparteċipaw f'dan il-Premju.**



**Deborah Axisa Farrell**
Uffiċjal Informazzjoni
Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, MCCAA

# Il-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur

*'Consumers by definition, include us all. They are the largest economic group, affecting and affected by almost every public and private economic decision. Yet they are the only important group... whose views are often not heard.'*

Dan il-kliem qalu l-President John F. Kennedy waqt li kien qed jindirizza kungress fl-Amerka nhar il-15 ta' Marzu 1962, fejn semma' l-kwistjoni tad-drittijiet tal-konsumatur.

Minn dakinhar 'il quddiem, il-15 ta' Marzu ġie mmarkat bħala l-jum dinji ddedikat għad-drittijiet tal-konsumatur, u kull sena jiġi ċċelebrat b'tema partikolari.

F'Malta din is-sena intgħażlet it-tema ta' xiri onlajn u d-diffikultajiet li dan it-tip ta' xiri jġib miegħu. Illum il-ġurnata saret iktar popolari l-użanza li nixtru onlajn peress li huwa konvenjenti għalina l-konsumaturi. Is-suq virtwali jagħti lill-konsumatur il-possibbiltà li jixtri fi xħin irid, jiffranka l-ħin, isib prodotti bi prezzijiet kompetittivi u joffri wkoll il-possibbiltà li l-konsumatur iqabbel prodott ma' ieħor fi ftit ħin. Madankollu, sfortunatament mhux kull esperjenza ta' xiri onlajn hija waħda pożittiva għalina l-konsumaturi u għalhekk rridu nieħdu l-prekawzjonijiet neċessarji biex nipprevenu milli jkollna xi diżappunti.

Għaldaqstant għal din l-okkażjoni, nhar il-Ġimgħa 1 ta' April, 2016, l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur flimkien mal-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili organizzaw konferenza bit-tema: "Xiri u lmenti onlajn – X'esperjenza għandek?". L-għan tal-konferenza kien li jiġu diskussa l-vantaġġi u l-isfidi li jeżistu sew għas-sidien tan-negozji kif ukoll għall-konsumatur fl-użu ta' sistemi onlajn għal bejgħ u xiri. Il-konferenza ttrattat wkoll metodi ġodda ta' kif il-konsumatur qed jilmenta dwar prodotti jew servizzi li jkun irċieva permezz ta' mezzi soċjali bħal *Facebook*. Il-konferenza kienet indirizzata mill-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili Helena Dalli, bis-sehem ukoll ta' kelliema ewlenin minn diversi awtoritajiet fosthom MCCAA, ECC Malta, MEUSAC, MCA, GRTU, Malta Enterprise u Għaqdiet tal-Konsumatur. Din l-attività kienet miftuħa għal sidien ta' negozji, konsumaturi u l-pubbliku inġenerali.

# Roħs fil-prezzijiet tal-mediċini

B'riżultat ta' kollaborazzjoni bejn l-MCCAA u l-Awtorità dwar il-Mediċini, matul din is-sena kompla jitħabbar roħs ta' aktar mediċini.

| | | Il-prezz l-antik | Il-prezz il-ġdid |
|---|---|---|---|
| Actonel Plus Ca & D | 35mg film-coated Tablets + 1000mg/880IU effervescent granules x4 | €45.00 | **€33.38** |
| Actonel Once a week | 35mg film coated tablets x4 | €34.20 | **€27.36** |
| Sumatriptan Aurobindo | 50mg tablets x6 | €16.00 | **€13.60** |
| Mirtazapine Aurobindo | 45mg ODT x30 | €19.00 | **€16.15** |
| Amlodipine Aurobindo | 10mg tablets x28 | €9.00 | **€7.65** |
| Paroxetine Aurobindo | 20mg tablets x30 | €9.75 | **€8.30** |
| FOSAVANCE | 70mg/5600IU tablets x4 | €38.95 | **€34.95** |
| Tobradex | Eye Drops suspension x5ml | €7.49 | **€6.87** |
| Klacid | 125mg/5ml Paediatric Oral Suspension x70ml | €10.67 | **€9.85** |
| Diamicron MR | 60mg prolonged release tablets x30 | €12.40 | **€11.65** |
| Klacid | 250mg/5ml Paediatric Oral Suspension x70ml | €19.73 | **€18.75** |
| Bonviva | 150mg film-coated tablets x1 | €46.36 | **€36.90** |
| Xenical | 120mg hard capsules x84 | €87.35 | **€73.90** |
| Evista | 60mg film-coated tablets x28 | €35.90 | **€32.90** |
| Levoxa | 500mg tablets x 7 | €20.86 | **€10.78** |
| Levoxa | 500mg tablets x 5 | €14.90 | **€7.70** |
| Sildenafil Clonmel | 50mg film-coated tablets x 4 | €26.50 | **€18.95** |
| Nasacort | Nasal spray | €11.58 | **€8.50** |
| Sildenafil Clonmel | 25mg film-coated tablets x 4 | €25.50 | **€18.95** |
| Nu-Seals | 75mg enteric coated Tablets x56 | €5.24 | **€3.99** |
| Lyclear Dermal | 5% Cream x 30g | €12.55 | **€9.75** |
| S-Oropram | 10mg tablets x 30 | €19.11 | **€14.98** |
| Risontel Once A Week | 35mg film-coated tablets x 4 | €24.20 | **€19.95** |
| Pintal | 7.5mg /5ml syrup x 200ml | €6.10 | **€5.10** |
| Moment | 200mg tablets x 24 | €4.40 | **€3.90** |
| Candiplas | cream x30g | €5.75 | **€5.19** |
| Plavidosa | 75mg tablets x 28 | €25.60 | **€24.00** |
| Esomeprazole TAD | 20mg hard capsules x 30 | €19.50 | **€18.50** |

| | | Il-prezz l-antik | Il-prezz il-ġdid |
|---|---|---|---|
| Regaine For Women | Regular Strength x 1 | €33.36 | **€31.85** |
| Omeprazole Mylan | 20mg capsules x28 | €11.73 | **€11.20** |
| Esomeprazole TAD | 40mg hard capsules x 30 | €24.50 | **€23.50** |
| Mirtazapine Aurobindo | 30mg orodispersible tablets x 30 | €16.50 | **€15.90** |
| Nuvaring | vaginal device x 3 | €44.90 | **€43.61** |
| Rhinocort Aqua | 64µg Nasal Spray | €9.21 | **€8.94** |
| Zoely | 2.5mg/1.5mg film-coated tablets x 28 | €12.26 | **€11.91** |
| Fucithalmic | eye drops x 5g | €5.40 | **€5.32** |
| Nasofan | 50mcg Aqueous nasal spray | €11.65 | **€9.73** |
| Regaine For Men | Foam Triple pack | €84.50 | **€78.95** |
| Daivobet | ointment | €32.85 | **€30.95** |
| Plavix | 75mg x30 tablets (parallel distributed product) | €44.40 | **€23.50** |
| Atenolol Crescent | 100mg x28 tablets | €4.20 | **€2.64** |
| Nepramel | 20mg hard capsules x28 | €17.80 | **€11.95** |
| Clonocid | 500mg coated tablets x14 | €21.80 | **€14.95** |
| Nepramel | 40mg hard capsules x28 | €21.80 | **€14.95** |
| Tevanate | 70mg tablets x4 | €20.50 | **€14.63** |
| Amesol | 500mg x10 tablets | €19.95 | **€15.25** |
| Omnic | 0.4mg modified release capsules x20 (parallel import product) | €29.22 (x30) | **€16.50 (x20)** |
| Clonocid | 250mg coated tablets x14 | €10.00 | **€8.50** |
| Atenolol Crescent | 25mg x 28 tablets | €1.98 | **€1.80** |
| Advantan | cream x30g (parallel import product) | €7.20 (x20g) | **€9.90 (x30g)** |
| Advantan | ointment x30g (parallel import) | €7.23 (x20g) | **€9.90 (x30g)** |
| Betaserc | 16mg tablets x60 | €21.38 | **€20.40** |
| Klaricid | 250mg/5ml Paediatric Suspension Granules for Oral Suspension x70ml | €19.73 | **€18.75** |
| Clarinase Repetabs | 5mg/120mg prolonged release tablets x14 | €8.84 | **€8.50** |
| Stemetil | 5mg tablets x250 (parallel import product) | €25.49 | **€24.49** |
| Arcoxia | 60MG tablets X14 (parallel import product) | €22.35 | **€21.68** |
| Nexium | 40mg tablets x28 (parallel import product) | €39.52 | **€38.16** |

**F'każ ta' kjarifiki dwar il-prezzijiet, il-pubbliku huwa mħeġġeġ iċempel lill-Awtorità dwar il-Mediċini fuq 2343 9111 bejn it-8:00am u l-3:45pm.**



# Il-Benefiċċji ta' Suq Ħieles għall-Konsumatur

**Godwin Mangion**
Direttur Ġenerali
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni, MCCAA

Kultant, tisma' xi konsumatur igerger dwar ħanut li l-prezzijiet tal-prodotti li għandu għall-bejgħ ikunu ogħla minn dak ta' ħanut ieħor u li dan mhux sew. Waqt li snin ilu l-gvern kien jistabbilixxi l-prezz massimu kemm jistgħu jinbiegħu ċerti prodotti llum il-ġurnata għandna kompetizzjoni ħielsa fis-suq fejn il-konsumatur jista' jqabbel il-prezz indikat ta' ħanut, kif tal-ħanut hu obbligat li jagħmel bil-liġi, ma' dak ta' ħanut ieħor. L-għażla hija f'idejn il-konsumatur u qabel ma jiddeċiedi mingħand min jixtri għandu mhux biss iqabbel il-prezzijiet, imma huwa fl-interess tiegħu wkoll li jikkunsidra l-kwalità tal-prodott kif ukoll is-servizz li ser jingħata wara x-xiri.

Bis-saħħa tal-liberazzjoni tas-suq, il-konsumatur seta' jgawdi minn firxa wiesgħa ta' prodotti li tħalli 'l-konsumatur jagħżel il-prodott li joffri l-aħjar bilanċ bejn prezz u kwalità skont il-but u l-gosti tiegħu.

Jekk l-operaturi tas-suq iridu jkabbru l-bejgħ u eventwalment il-qligħ tagħhom, dan għandhom jagħmluh billi joffru prezzijiet aktar vantaġġjużi mill-kompetituri tagħhom jew inkella joffru servizz aħjar lill-konsumaturi bħal, pereżempju, li jwasslulhom il-prodotti li xtraw id-dar jew joffru garanziji kummerċjali twal jew *after sales service* aħjar. Bi prezzijiet orħos in-negozjant jista' jħajjar lill-konsumaturi jikkunsmaw aktar u b'hekk jiżdied il-bejgħ.

Il-vantaġġi tal-kompetizzjoni ġusta ma jiqfux biss mal-prezz li l-konsumatur iħallas, iżda ġġiegħel lill-operaturi jtejbu l-kwalità tal-prodott jew servizz tagħhom biex jattiraw aktar klijenti. Kwalità tista' tfisser li l-prodotti jservu aktar jew jaħdmu aħjar, jew joffru għajnuna teknika lill-konsumatur. L-operaturi tas-suq għandhom dejjem jaraw kif jistgħu jkunu aktar innovattivi mill-kompetituri tagħhom billi jtejbu l-kunċett u d-disinn tal-prodott kif ukoll t-teknoloġija tal-produzzjoni li jużaw.

B'hekk il-konsumatur għandu ċ-ċavetta biex isaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq għax fuq kollox id-deċiżjoni hi f'idejh ta' x'jagħżel u x'jixtri.

B'kompetizzjoni ġusta jiggwadanja n-negozju li qed jikkumerċja b'mod ġust, il-konsumatur, kif ukoll l-ekonomija tal-pajjiż.

# Reklam qarrieqi jew falz?

**Deborah Axisa Farrell**
Uffiċjal Informazzjoni
Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur, MCCAA

Ir-reklam huwa mezz ta' informazzjoni li jħajjarna u jgħinna nagħżlu l-oġġett jew is-servizz li għandna bżonn nixtru. Wieħed mid-drittijiet li għandna bħala konsumaturi hu d-dritt li ningħataw informazzjoni ċara u korretta fuq il-prodott li nkunu se nixtru. Ir-reklam għandu l-irwol li jagħmel hekk u jiġi meqjus bħala reklam qarrieqi meta jwassal informazzjoni falza jew ma jipprovdix l-informazzjoni kollha li għandna bżonn biex nieħdu d-deċiżjoni tagħna.

Waqt li għandna dejjem noqogħdu attenti u ma nixtrux biss prodott għaliex għoġobna fir-reklam, importanti wkoll li nagħrfu d-differenza bejn esaġerazzjoni u ingann meta naraw reklam. Għandna dejjem inżommu f'moħħna li reklam qiegħed hemm biex ibiegħ. Però dan ma jfissirx li għax jirnexxielu jikkonvinċina nixtru xi prodott, u wara jiddispjaċina, allura dak ir-reklam kien qarrieqi. Il-qerq jeżisti biss meta reklam ikun fih fatti foloz, jew mhux kompluti.

Għalhekk huwa importanti li meta jinteressana reklam, nifmuh sew u naqraw b'attenzjoni l-kitba rqiqa, għax ħafna drabi, l-aktar informazzjoni importanti tkun miktuba f'post fejn ma tiġix innutata immedjatament.

Tajjeb li nużaw ir-reklami biex jgħinuna naraw x'hemm fis-suq, però d-deċiżjoni nixtrux jew le prodott nieħduha wara li naraw il-prodott b'għajnejna għand tal-ħanut u wara li niġbru l-informazzjoni kollha.




# Sib il-Kliem!

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | Ċ | GĦ | J | J | K | O | P | Z | A | F | A | T | T | I | I | D | S | M | A |
| V | E | K | H | A | A | P | B | G | V | Ġ | O | A | Q | Q | GĦ | I | Ż | K | E |
| X | K | O | N | S | U | M | A | T | U | R | Ċ | J | F | D | D | N | A | O | S |
| E | N | I | S | T | K | R | M | Ż | R | O | A | A | Ċ | J | K | F | W | M | Q |
| Q | F | A | L | Z | A | Ħ | B | D | E | B | Ġ | G | F | A | Ċ | O | E | P | T |
| E | A | S | F | J | Ġ | Ż | W | U | O | R | E | A | H | D | B | R | Ċ | L | O |
| S | K | Q | Ħ | K | V | N | I | S | T | R | I | K | K | U | Ħ | M | Q | U | Ċ |
| A | A | X | Q | O | X | Z | A | T | T | E | N | T | I | S | Ż | A | D | T | GĦ |
| Ġ | R | I | F | Ċ | E | P | Ġ | S | K | K | V | Q | Z | A | W | Z | R | I | Ġ |
| E | G | R | Ċ | A | Q | R | A | J | I | L | A | K | S | U | B | Z | S | U | Q |
| R | H | I | F | Ġ | Ċ | G | A | E | N | A | E | E | F | Z | Z | J | B | V | F |
| A | I | S | Ż | GĦ | Z | A | L | F | E | M | GĦ | P | R | O | D | O | T | T | Ċ |
| T | K | S | D | E | D | E | S | A | G | G | Ġ | Ħ | H | W | Q | N | F | Ż | F |
| R | D | R | I | T | T | B | O | N | B | Ż | Ċ | F | F | GĦ | S | I | Ż | D | S |

**Għaqqad is-sentenzi tal-lemin u sib il-kliem fit-tisliba ta' fuq u ibagħta sa nhar it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fuq dan l-indirizz:**
L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Mizzi House, Triq Nazzjonali, Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010.

**Ir-rebbieħ jingħata rigal ta' kotba fil-Jum Dinji għad-Drittijiet tal-Konsumatur.**

**Mistoqsijiet**

Persuna li tmur tixtri mingħand bejjiegħ professjonali tissejjaħ hekk: **K** _ _ _ _ _ _ _ _ _

Qiegħed hemm biex iħajjarna nixtru prodott jew servizz: **R** _ _ _ _ _

Ir-reklam jgħinna nagħmlu deċiżjoni ta' **X** _ _ _.

Ikun meqjus reklam qarrieqi jekk l-**I** _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ _ fir-reklam tkun **F** _ _ _ _.

Bħala konsumaturi għandna d-**D** _ _ _ _ li ningħataw l-informazzjoni kollha dwar il-prodott.

Ir-reklam jista' jħajjarna nixtru **P** _ _ _ _ _ _ jew servizz.

**F** _ _ _ _ foloz jew li mhumiex **K** _ _ _ _ _ _ _ jagħmlu r-reklam qarrieqi.

Meta reklam ikun xi ftit **E** _ _ _ _ _ _ _ ma jfissirx li dak ir-reklam huwa ta' ingann għall-konsumatur.

Għandna noqogħdu **A** _ _ _ _ _ _ għal xi kitba rqiqa li jaf ikollha informazzjoni importanti.



**Nicole Cilia**
*Scientific Officer,*
Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi, MCCAA.

# Il-bejgħ tal-pestiċidi u l-użu sostenibbli

**L-użu tal-pestiċidi hu bżonjuż fis-settur tal-agrikoltura minħabba l-kundizzjonijiet tal-klima u n-nuqqas ta' predaturi naturali fl-ambjent ta' Malta. Madanakollu wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn il-prodotti huma kimiċi perikolużi u li l-immaniġġjar ħażin tagħhom jista' jkun ta' detriment għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent naturali.**

Qabel prodotti tal-pestiċidi jitpoġġew fuq is-suq, l-awtoritajiet jassiguraw li r-riċerki kollha li jkunu saru fuq il-prodott juru li l-effetti fuq il-bniedem u l-ambjent naturali ikunu aċċettabli anke permezz ta' xi miżuri ta' mitigazzjoni bħal użu ta' tagħmir għall-protezzjoni personali. L-informazzjoni kollha dwar il-miżuri bżonjużi sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jinstabu kollha fuq it-tiketta tal-prodott.

Madankollu distributuri, inklużi bejjiegħa ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti huma obbligati li jkollhom ċertifikazzjoni sabiex ibigħu dawn il-prodotti fis-suq Malti. Iċ-ċertifikat għandu jitqiegħed f'pożizzjoni prominenti fil-post tad-distribuzzjoni u l-persuna mħarrġa għandha tkun disponibbli dejjem fil-ħin tal-bejgħ ta' dawn il-prodotti. Lista ta' distributuri rikonoxxuti li jistgħu ibigħu prodotti għall-ħarsien tal-pjanti fuq is-suq Malti jistgħu jinstabu minn fuq il-websajt tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur: www.mccaa.org.mt.

Min-naħa ta' distributuri dawn jistgħu jbigħu prodotti lil utenti professjonali li għandhom liċenzja li turi li huma awtorizzati li jixtru, jittrasportaw, jaħżnu, u jużaw prodotti għall-ħarsien tal-pjanti sakemm il-prodott ma' jkunx lest għall-użu, jiġifieri dilwit minn qabel. Utenti professjonali huma persuni li jużaw l-pestiċidi waqt l-attivitajiet professjonali tagħhom, inklużi operaturi, tekniċi, min iħaddem u nies li jaħdmu għal rashom, kemm fl-agrikultura kif ukoll f'setturi oħra.

Pestiċidi li jintużaw fid-djar u fil-ġonna huma wkoll kkunsidrati bħala perikolużi. Għalhekk hu importanti li utenti mhux professjonali li jinkludu persuni li jużaw il-pestiċidi matul l-attivitajiet tad-dar u tal-ġnien, jixtru u jużaw pestiċidi ta' tossiċità baxxa u formulazzjonijiet lesti għall-użu. Pestiċidi kklassifikati bħala tossiċi, tossiċi ħafna, kanċeroġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni mhumiex awtorizzati biex jintużaw minn utenti mhux professjonali, dan sabiex jiġu eliminati riskji ta' effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem.

Hu importanti li t-tikketta tinqara sew u li l-prodott jintuża b'mod sigur, skont l-istruzzjonijiet rakkomandati, għall-benefiċċju ta' min qed jużah, għan-nies tal-




madwar u għas-saħħa tal-ambjent. Huwa meħtieġ li l-pestiċidi jiġu maħżuna f'żona li tissakkar u sigura fejn ma' jintlaħqux mit-tfal u annimali domestiċi. Il-pestiċidi għandhom ukoll jiġu maħżuna 'l bogħod minn ikel u għalf tal-annimali biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni.

Barra minn hekk min qed juża l-pestiċidi għandu jkun konxju tal-effetti li dan jista' jkollu fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent naturali. Hu importanti li l-pestiċidi jiġu mmaniġġjati b'mod sigur mill-ħin meta dawn jitpoġġew fuq is-suq, sal-ħażna, applikazzjoni u rimi tal-kontenituri u kull oġġett kkontaminat bil-pestiċidi.

Madankollu, hu wkoll importanti li utenti tal-pestiċidi kemm fil-professjoni tagħhom u għal użu mhux professjonali jagħtu preferenza lil metodi mhux kimiċi fejn hu possibbli u ekonomikament fattibbli. Metodi mhux kimiċi jinkludu metodi alternattivi għal pestiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti, ibbażati fuq tekniki agronomiċi jew metodi fiżiċi, mekkaniċi jew bijoloġiċi għall-kontroll tal-pesti.

Utenti professjonali jistgħu jintroduċu ġestjoni integrata tal-pesti sabiex inaqqsu l-użu tal-pestiċidi billi jipprattikaw metodi bħal rotazzjoni tal-ħsad, użu ta' tekniki tal-kultivazzjoni adegwati, isterilizzazzjoni tal-ħamrija, żriegħ bi staġun, użu xieraq ta' żerriegħa u pjanti reżistenti u tolleranti għall-klima ta' Malta, użu ta' fertilizzazzjoni bbilanċjata, użu ta' irrigazzjoni xierqa u miżuri ta' iġjene fil-makkinarju. Filwaqt li utenti mhux professjonali jistgħu jintroduċu metodi mhux kimiċi fid-djar u fil-ġonna bħall-użu ta' nases bbażati fuq kolla u mekkaniċi u restrizzjoni tal-aċċess tal-pesti mit-twieqi, bibien u kull dħul ieħor bl-issiġillar u wajer xieraq.

**Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja d-Diviżjoni tar-Regolamenti Tekniċi fi ħdan L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur fuq 2395 2000.**



**Dott. Phyllis Bezzina**
Kap taċ-Ċentru tal-Konsumatur Ewropew f'Malta

# Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta)

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumatur ta' Malta (ECC Malta) jifforma parti mix-xibka ta' Ċentri Ewropej tal-Konsumatur (ECC-Net) li għandha ċentri fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE), kif ukoll fin-Norveġja u fl-Iżlanda. Dawn iċ-ċentri jgħinu lill-konsumaturi rigward mistoqsijiet li jista' jkollhom dwar ix-xiri tagħhom fis-suq Ewropew. L-għan hu li l-konsumatur iħossu kunfidenti jixtri f'pajjiżi oħrajn tal-UE, daqslikieku qiegħed jixtri minn pajjiżu.

Is-Suq Ewropew jista' joffri għażla akbar ta' prodotti u servizzi, kif ukoll valur aħjar għall-flus imħallsa. L-iskop tal-ECC hu li jistabbilixxi ċertu livell ta' protezzjoni għall-konsumatur f'dan is-suq, u dan jagħmlu billi jinforma, jagħti pariri u jassisti lill-konsumatur bi lmenti li jista' jkollu meta jixtri minn pajjiż ieħor fl-UE, kemm meta konsumatur jixtri permezz tal-internet kif ukoll meta jixtri waqt li jkun qiegħed iżur pajjiż ieħor tal-UE.

Il-konsumaturi jistgħu jirrikorru għand l-ECC sabiex iressqu lment dwar prodott mixtri jew servizz li ma ngħatawx kif kien mistenni minn negozju bbażat fi Stat Membru ieħor. L-għan aħħari tal-ECC hu li jgħin lill-konsumaturi jilħqu soluzzjoni amikevoli mal-kummerċjant.

L-ECC wara li jirċievi l-ilment tal-konsumatur jagħmel att ta' medjazzjoni billi jagħmel kuntatt maċ-Ċentru Ewropew tal-pajjiż fejn il-kummerċjant huwa bbażat sabiex kemm jista' jkun jintlaħaq ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Il-konsumatur huwa mitlub li qabel iressaq l-ilment tiegħu quddiem iċ-Ċentri Ewropej għall-Konsumatur, jagħmel ilment bil-miktub u jibgħat ittra lin-negozjant sabiex jipprova jilħaq ftehim amikevoli miegħu.

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta minn din is-sena għandu wkoll funzjonijiet ġodda relatati mal-leġiżlazzjoni tal-ADR u l-ODR (Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim u s-Soluzzjoni Onlajn għat-Tilwim). It-terminu Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim (ADR) jirreferi għal varjetà ta' proċessi li huma mmirati lejn soluzzjoni ta' tilwim



barra mill-qorti. Il-proċess ta' ADR, li jista' jkun medjazzjoni, arbitraġġ u konċiljazzjoni jinvolvi persuna newtrali li tgħin lill-partijiet jilħqu ftehim għat-tilwima tagħhom. Dan il-proċess ta' ADR iġorr miegħu ħafna benefiċċji għaliex huwa ġeneralment irħas mill-proċeduri normali tal-qorti kif ukoll jinkludi proċeduri sempliċi u iktar flessibbli.

Il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-ADR għandha l-għan li tiżgura li l-konsumaturi fl-UE kollha jkollhom aċċess għall-entitajiet tal-ADR li joffru mezzi alternattivi effettivi għal kumpens lill-konsumaturi. Uħud mill-entitajiet tal-ADR jaħdmu dejjem onlajn (ODR), b'hekk dawn jistgħu jgħinu biex jissolva t-tilwim speċjalment fir-rigward tax-xiri onlajn u meta l-konsumatur u l-kummerċjant ikunu jinsabu f'pajjiżi differenti.

Sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess tal-ADR, il-Kummissjoni Ewropea ħadmet fuq l-iżvilupp ta' pjattaforma tal-ODR. Ir-Regolament dwar l-ODR jippermetti lill-konsumaturi u lin-negozjanti li jressqu quddiem l-ADR tilwimiet relatati ma' xiri onlajn permezz ta' din il-pjattaforma. Din il-pjattaforma tal-ODR li tiġbor flimkien l-entitajiet nazzjonali kollha tal-ADR hija ddisinjata speċifikament biex tgħin lill-konsumaturi li xtraw oġġetti jew servizzi onlajn minn negozjanti bbażati f'pajjiżi tal-UE jsolvu tilwim li jista' jkun hemm ma' dawn il-kummerċjanti. Din il-pjattaforma hija disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE mingħajr ħlas. Il-konsumaturi jistgħu jibagħtu l-ilment tagħhom direttament lill-kummerċjant permezz tal-pjattaforma tal-ODR u jilħqu ftehim dwar l-entità tal-ADR li se tieħu ħsieb it-tilwima.

Iċ-Ċentru Ewropew tal-Konsumatur ta' Malta ngħata rwol tal-punt ta' kuntatt nazzjonali relatat mal-użu ta' din il-pjattaforma. Din il-pjattaforma taħdem billi konsumatur li jkun iltaqa' ma' problema relatata ma' transazzjoni onlajn iressaq l-ilment tiegħu permezz ta' din il-pjattaforma. Il-pjattaforma tinnotifika lin-negozjant li jkun sar ilment dwaru u l-partijiet imbagħad jiftehmu bejniethom liema entità tal-ADR għandha tisma' l-ilment. Meta dawn jiftehmu l-entità tirċievi d-dettalji tal-ilment permezz tal-pjattaforma u tiddeċiedi dwar il-każ. Il-proċedura tal-ADR issir kollha onlajn. Ir-rwol tal-ECC huwa li jiffaċilita dan il-proċess billi jgħin lill-partijiet iressqu l-ilment tagħhom u jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-entità kompetenti tal-ADR. F'dan ir-rigward l-ECC għandu rwol ukoll li jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar id-drittijiet u l-obbligi ġenerali tal-konsumtur relatati ma' transazzjonijiet onlajn.

L-ECC Malta jinsab f''Consumer House', 47A, Triq Nofsinhar, Valletta
**Tel:** 21221901 **Email:** ecc.malta@mccaa.org.mt **Web:** www.eccnetmalta.gov.mt
**Facebook:** European Consumer Centre Malta

**Inġ. Francis Farrugia**
Direttur Ġenerali
Istitut għall-Istandards u l-Metroloġija, MCCAA



# Kif Standards jikkontribwixxu lejn sigurtà ta' prodotti

Forsi huma ħafna dawk li mhumiex midħla ta' standards tekniċi iżda għal min ma jafx l-istandards jiġu maħluqa bi skopijiet fissi u speċifiċi fosthom sabiex jinfurmaw u joffru sigurtà lill-konsumaturi meta dawn tal-aħħar jitħajru jixtru prodott jew jagħmlu użu minn xi servizz.



### Għażliet Infurmati

B'hekk l-għażla li tittieħed mill-konsumatur tkun waħda infurmata u għaqlija jekk dan jiddeċiedi li jikkonsulta l-istandards qabel ma jagħmel l-għażliet tiegħu meta jixtri prodotti u servizzi. Standard jista' joħloq aktar għarfien dwar il-prodotti u s-servizzi li jinsabu fuq is-suq u fl-istess ħin joffri informazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodott f'każ li dan ikun ta' periklu u ta' ħsara għal min jiġi biex jagħmel użu minnu.

### Standards u Kwalità

Il-kwalità tal-prodott li wieħed jixtri għandha tingħata wkoll l-importanza meħtieġa u l-istandards ta' spiss jenfasizzaw dan. Standards jagħtu eżempji ċari kif kumpaniji għandhom itejbu l-kwalità tal-prodotti u s-servizzi tagħhom u joħolqu sistema ta' effiċjenza meta konsumatur ikollu xi lment jew diffikultà.

Irwol ieħor tal-istandards huwa dak li jiżguraw li l-prodotti kollha fuq is-suq huma aċċessibbli għall-konsumaturi ta' kull età u minn kull qasam tal-ħajja. B'hekk, kulħadd ikun jista' jikseb il-prodotti u s-servizzi li jixtieq mingħajr problemi u dewmien żejjed.

### Standards u Regoli Obbligatorji

L-istandards huma dokumenti li jiggwidaw lill-konsumatur kif ukoll jippromwovu l-implimentazzjoni ta' prattiċi ġusti għal dawk l-organizzazzjonijiet li jixtiequ jimxu mal-aqwa linji gwida eżistenti. Mhijiex xi regola obbligatorja li wieħed għandu jimxi mal-linji gwida tal-istandards iżda tajjeb wieħed ikun jaf li standards jappoġġjaw il-liġi preżenti u għaldaqstant tkun deċiżjoni għaqlija jekk wieħed jgħarbel il-linji gwida tal-istandards qabel ma jissieħeb f'xi negozju jew bejgħ ta' prodotti sabiex huwa ikun konformi mar-rekwiżiti legali fejn ikun applikabbli.

Filwaqt li l-użu tal-istandards mhuwiex wieħed mandatorju, meta konsumatur jara li l-ħanut jew l-organizzazzjoni li tinteressah tagħmel użu minn dawn l-istandards



huwa se jħossu aktar sigur għall-fatt li jaf li ċerti regoli qed jiġu osservati minn din l-istess organizzazzjoni. Dawn il-ħwienet jew organizzazzjonijiet li josservaw il-linji gwida tal-istandards jistgħu jxandru l-politika tagħhom permezz ta' reklamar li jagħmel referenza għall-istandard/s applikabli.

### L-Iżvilupp ta' Standards

L-istandards jiġu mħejjija minn persuni professjonali f'kumitati ta' esperti li għandhom l-għarfien relevanti u l-informazzjoni neċessarja sabiex ikunu jistgħu jippreparaw l-istandards fuq l-aħjar prattiċi possibbli. Qabel ma jiġi ppubblikat l-istandard, irid jintlaħaq qbil bejn il-partijiet kollha involuti sabiex ma jkunx hemm diverġenzi. Il-kumitati konċernati jistgħu jiddeċiedu wkoll li jimpjegaw esperti f'oqsma diversi tal-industrija sabiex dawn joffru l-opinjoni u l-viżjoni tagħhom f'dan ir-rigward.

F'ħafna każijiet, il-kumitati involuti fit-tħejjija tal-istandards jiddeċiedu li jitolbu l-opinjoni tal-manifattur u ta' kull min għandu xi interess, fosthom il-konsumaturi. L-involviment tal-konsumatur huwa importanti għaliex iħalli impatt pożittiv fuq il-konsumatur li fl-aħħar mill-aħħar se jagħmel użu mill-prodotti u mis-servizzi li jiġu offruti fuq is-suq. Il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fl-iżvilupp ta' dawn l-istandards toffri perspettiva ġdida lil dawk li forsi m'għandhomx daqstant għarfien dwar x'inhuma jew x'għandhom ikunu n-neċessitajiet u d-drittijiet tal-konsumatur f'dak li għandu x'jaqsam ma' xiri ta' prodotti u servizzi.

L-MCCAA hija l-korp nazzjonali għall-istandards f'Malta. Uħud mill-istandards ġew żviluppati għall-użu ewlieni tal-organizzazzjonijiet Maltin iżda l-MCCAA taddotta wkoll Standards Ewropej u tikkontribwixxi għall-iżviluppar u l-implimentazzjoni ta' dawn l-istess standards li ġew maħluqa apposta biex jgħinu kemm lill-manifattur kif ukoll lill-konsumatur li eventwalment se jagħmel użu mill-prodotti u mis-servizzi offruti. Aktar ma jkunu applikabbli u professjonali dawn l-istandards, aktar se tirrenja l-kunfidenza fost il-konsumaturi li għandhom ikollhom moħħhom mistrieħ meta jixtru minn ħwienet li jappoġġjaw l-użu tal-istandards.

**Għal aktar informazzjoni ikuntattja lid-Direttorat tal-istandards fi ħdan l-MCCAA billi tibgħat *email* fuq dan l-indirizz: standards@mccaa.org.mt jew ċempel fuq 2395 2000.**

# Numri tat-Telefown Utli għall-Konsumaturi

L-EMERĠENZA (AMBULANZA, PULIZIJA, TIFI TAN-NAR)
112

| | |
|---|---|
| **2395 2000** | L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur |
| **8007 4400** | Linja bla ħlas tal-MCCAA |
| **2124 2420** | Direttorat dwar il-Metroloġija – MCCAA |
| **2149 6016** | Direttorat dwar Servizzi Laboratorji – MCCAA |
| **2122 1901** | Iċ-Ċentru Ewropew għall-Konsumaturi ta' Malta |
| **2123 9091** | L-Għaqda tal-Konsumaturi |
| **2124 6982** | L-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur |
| **2122 7070** | It-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar il-Prezzijiet tal-Mediċini |
| **2395 2000** | Tagħrif dwar is-Sigurtà tal-Prodotti |

| | |
|---|---|
| **2343 9000** | L-Awtorità dwar il-Mediċini |
| **2124 7677** | L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fil-Post tax-Xogħol (OHSA) |
| **8007 4924** | L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta |
| **2122 2203** | L-Awtorità għat-Trasport f'Malta |
| **2290 0000** | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar |
| **2133 6840** | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni |
| **2122 0619** | L-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi |
| **2546 9000** | L-Awtorità dwar il-Lotteriji u l-Logħob |
| **8007 2230** | L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta |
| **2122 1281** | L-Awtorità tax-Xandir |
| **8007 2232** | L-Awtorità tad-Djar |

| | |
|---|---|
| **8007 2222** | ARMS Ltd |
| **2122 2000** | Malta Public Transport |
| **2133 7333** | Id-Dipartiment għas-Saħħa Ambjentali |
| **8007 4404** | Id-Dipartiment tal-VAT |
| **2296 2296** | Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni |
| **2124 2270** | Id-Diviżjoni tal-Kummerċ |
| **2156 1622** | Gozo Channel Co Ltd |
| **2132 0202** | Inċidenti tat-traffiku (Gwardjani lokali) |
| **8007 2224** | Il-Korporazzjoni Enemalta |
| **8007 6400** | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma |
| **153** | Is-Servizz ta' Informazzjoni tal-Gvern |
| **8007 2200** | Wasteserv Malta |

| | |
|---|---|
| **2249 4202** | Il-Forzi Armati ta' Malta |
| **2545 0000** | L-Isptar Mater Dei |
| **2156 1600** | L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex |



## Fejn tista' tagħmel l-ilment tiegħek

**L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur**
**Mizzi House**
**Triq Nazzjonali,**
**Il-Blata l-Bajda ĦMR 9010**

8007 4400
2395 2000
fair.trading@mccaa.org.mt

**Miftuħin għall-pubbliku:**

Fis-sajf (1 ta' Ġunju - 30 ta' Settembru): mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9:00 u n-12:30

Fix-xitwa (1 ta' Ottubru - 31 ta' Mejju): It-Tnejn, it-Tlieta, il-Ħamis u l-Ġimgħa bejn it-8:30 u n-12:30. L-Erbgħa bejn it-8:30 u l-16:00.